| SHOWCASE PORTFOLIO | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. **WORKSHEETS** | | | | | |
| (a) kompetenza li jirrispondu t-tweġibiet | L-istudent wieġeb ftit mill-mistoqsijiet mogħtija lilu. L-istudent ma laħaqx il-livell mistenni minnu u wera livell baxx fix-xogħol ippreżentat minnu. | L-istudent wieġeb inqas minn nofs il-mistoqsijiet li kellu jaħdem fl-eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb tajjeb għall-iktar minn nofs il-mistoqsijiet li hemm fl-eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb tajjeb ħafna għall-maġġoranza tal-mistoqsijiet li hemm fl-eżerċizzji mogħtija lilu. | L-istudent wieġeb b'mod eċċellenti kull mistoqsija u kull eżerċizzju mogħti lilu mingħajr żbalji. |
| (b) organizzazzjoni tax-xogħol | Il-file tal-istudent mhux organizzat. Bosta handouts u worksheets huma neqsin u mhux maħduma. | Il-file tal-istudent mhux organizzat. Il-handouts u l-worksheets mhumiex organizzati kif suppost u jeħtieġ li juri iktar impenn. | L-istudent iżomm il-file b'mod tajjeb iżda jeħtieġ li l-handouts u l-worksheets jiġu organizzati aħjar. | L-istudent iżomm il-file b'mod tajjeb ħafna, il-handouts u l-worksheets mogħtija lilu huma miżmuma tajjeb ukoll. | L-istudent iżomm il-file b'mod organizzat ħafna, il-handouts u l-worksheets mogħtija lilu huma miżmuma b'mod eċċellenti. |
| 2. **KITBA FIT-TUL/TEMI ŻVILUPPATI F'KITBA** | | | | | |
| (a) għarfien tas-suġġett | Fil-kitba tiegħu, l-istudent ma laħaqx il-livell mistenni marbut mal-għarfien tas-suġġett. Ma kienx kapaċi jsemmi u jispjega dak li kien mitlub minnu. | Fil-kitba tiegħu, l-istudent wera' ftit impenn fl-għarfien tas-suġġett. Semma ftit punti u ma kienx kapaċi jispjegahom fid-dettal. | Fil-kitba tiegħu, l-istudent jidher li għandu għarfien tas-suġġett u semma' l-punti meħtieġa mingħajr ma spjegahom fid-dettal. | Fil-kitba tiegħu, l-istudent wera' kompetenzi tajbin ħafna fl-għarfien tas-suġġett u semma' ħafna mill-punti mitluba minnu u spjegahom b'mod tajjeb ħafna. | Fil-kitba tiegħu, l-istudent wera' b'mod eċċellenti li hu fehem is-suġġett, u semma' u spjega l-punti kollha meħtieġa b'mod dettaljat. |
| (b) kunċett reliġjuż marbut mat-tema | Fil-kitba tiegħu, l-istudent naqas milli jdaħħal informazzjoni marbuta mat-tagħlim tal-Knisja, mat-twemmin Nisrani u l-fidi reliġjuża. | Fil-kitba tiegħu, l-istudent daħħal ftit informazzjoni relatat mat-tagħlim tal-Knisja, twemmin Nisrani u fidi reliġjuża. | Fil-kitba tiegħu, l-istudent daħħal biżżejjed informazzjoni marbuta mat-tagħlim tal-Knisja, mat-twemmin Nisrani u l-fidi reliġjuża. | Fil-kitba tiegħu, l-istudent wera' livell tajjeb ħafna tal-kunċett reliġjuż u daħħal informazzjoni relatata mat-tagħlim tal-Knisja, mat-twemmin Nisrani u l-fidi reliġjuża. | L-istudent daħħal b'mod relevanti l-kunċett reliġjuż. Fil-kitba tiegħu, l-istudent wera' livelli għoljin ħafna tat-tagħlim tal-Knisja, |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | tat-twemmin Nisrani u l-fidi reliġjuża. |
| (c) applikazzjoni | F'dak li kiteb, l-istudent naqas milli jagħti eżempji konkreti u japplika l-ftit t-tagħrif li ta mal-għarfien li għandu fis-suġġett. | F'dak li kiteb, l-istudent ma żviluppax biżżejjed kif dak li jaf, se japplikah għall-ħajja ta' kuljum. | F'dak li kiteb, l-istudent semma xi ftit eżempji konkreti li bihom wera' li jaf japplika t-tagħrif (knowledge) mal-ħajja ta' kuljum. | F'dak li kiteb, l-istudent wera' ħiliet tajbin marbuta mas-suġġett u kien kapaċi jsemmi eżempji konkreti mill-ħajja ta' kuljum. | F'dak li kiteb, l-istudent wera' ħiliet eċċellenti marbuta mas-suġġett u kien kapaċi japplika dak li jaf b'diversi eżempji konkreti mill-ħajja ta' kuljum. |
| 3. **RIĊERKA (wieħed minn 2 units mhux eżaminabbli)** | | | | | |
| (a) impenn | L-istudent m'għamilx ir-riċerka meħtieġa. | L-istudent wera li għamel sforz minimu fir-riċerka li kellu jagħmel u m'għamilx użu tajjeb minnha. | L-istudent għamel ir-riċerka meħtieġa u għamel użu tajjeb minn dak li sab. | L-istudent wera li għamel ir-riċerka u għamel użu tajjeb ħafna minn dak li sab. | L-istudent wera impenn sħiħ fir-riċerka li kellu jagħmel, u għamel użu eċċellenti minn dak li sab. |
| (b) għarfien fuq is-suġġett | L-istudent għandu ħafna nuqqas ta' għarfien fis-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka. | L-istudent ma weriex li laħaq il-livell tal-għarfien fis-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka. | L-istudent wera li fehem is-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka. Ma niżilx fil-fond tal-ħsieb u ma kienx analitiku. | L-istudent wera li fehem b'mod tajjeb is-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka. L-istudent ipprova jkun xi ftit analitiku imma ma laħaqx l-ogħla livelli. | L-istudent wera li fehem sewwa s-suġġett li dwaru kellu jagħmel ir-riċerka. L-istudent analizza b'mod kritika r-riċerka li għamel. |
| (c) preżentazzjoni bil-miktub | L-istudent ma kienx korrett f'ħafna mill-materjal (avvenimenti u dettalji) li niżżel fil-preżentazzjoni tiegħu. L-istudent ippreżenta l-materjal b'mod fqir. | L-istudent inkluda ftit mill-materjal (avvenimenti u dettalji li kellu jirriċerka dwaru. | L-istudent inkluda materjal biżżejjed (avvenimenti u dettalji) li kellu jirriċerka dwaru. | L-istudent inkluda bosta mill-materjal (avvenimenti u dettalji) li kellu jirriċerka dwaru. Ħafna mill-fatti mniżżla huma tajbin. | L-istudent inkluda bosta mill-materjal (kull avveniment u dettal) b'mod għaqli li kellu jirriċerka dwaru. Il-fatti mniżżla huma kollha korretti. |